# *Is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes*

### *Jikteb Loreto Galea*



Fuq il-għolja ċentrali tat-tlett għoljiet li jiddominaw il-Port ta l-Imġarr ġewwa Għawdex insibu knisja ħelwa, mibniha bil-ġebla Għawdxija fuq stil gotiku u mżejna b'tinqix fuq il-ġebla. Is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes huwa xhieda ta' devozzjoni kbira li l-poplu Għawdxi wera u għadu juri lejn il-Madonna.



Din l-għolja hija msejħa *Il-Qortin* u nistgħu ngħidu li mill-qedem kienet l-għolja tal-Madonna, għax qabel ma' nbena dan is-santwarju, kien hemm statwa tal-Madonna msejħa *Kewkba tal-Baħar* li għaliha kienu jirrikorru ħafna baħħara u sajjieda. Din l-istatwa illum tinsab fi Pjazza Indipendenza, kantuniera ma' Triq R. Perellos, ġewwa r-raħal t'Għajnsielem. Il-ġmiel naturali ta' din l-għolja, imdawra bil-ħdura tas-siġar u għelieqi, hi mwensa mill-Fortizza Chambray u mit-Torri Gargez. Dan tal-aħħar twaqqa, biex bil-ġebel tiegħu tinbena t-triq tax-Xatt. Din l-għolja għandha sies li fih grotta minquxa, li tixbaħ ħafna lill-grotta ta' Massabielle ġewwa Lourdes. Dan ix-xebħ laqat lil wieħed mill-pellegrini li kien irritorna lura lejn Għawdex flimkien ma' Mons. Pietru Pace, isqof ta' dak iż-żmien, minn Lourdes. Dan is-sinjur Għawdxi imqanqal minn kull ma' ra ġewwa Lourdes, irrimarka lil Mons. Pietru Pace li din l-għolja tixbaħ lil dik ta' Lourdes, u l-Isqof mill-ewwel għoġbitu l-ideja li tinbena knisja hemmhekk. Għalhekk mingħajr telf ta' żmien, Mons.



Pace bagħat għall-Perit il-Kav. Manwel Galizia u talbu biex jagħmillu pjanta ta' kappella fuq stil gotiku fuq l-ewwel Bażilika ta' Lourdes fi Franza. Iżda l-Isqof ma qagħadx jistenna l-bini jitlesta' u fil-25 ta' Mejju 1879 poġġa statwa tal-ġebel bix-xbieha tal-Madonna taħt it-titlu ta' Lourdes. Din ġiet imbierka minnu stess erba' snin wara, quddiem pellegrinaġġ magħmul mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

L-ewwel ġebla ta' dan is-Santwarju tpoġġiet nhar l-10 ta' Ġunju 1888. L-imgħallem Wiġi Vella, Għawdxi, magħruf fil-gżejjer Maltin għas-sengħa tiegħu tal-bini, beda jpoġġi ġebla fuq oħra, sakemm fis-6 ta' Mejju 1893 tlesta dan is-Santwarju ddominat minn kampnar mislut. Fis-27 ta' Awwissu 1893, l-Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien, Mons. Fra Giovanni Maria Camilleri OESA, bierek dan is-santwarju. Għalkemm Mons. Pietru Pace sar Arċisqof ta' Malta sena biss wara l-bidu tal-bini, xorta baqa' jieħu interess fis-Santwarju proġettat.

Nhar is-17 ta' Settembru 1893, sar l-ewwel pellegrinaġġ minn Malta, organizzat mill-Arċisqof Mons. Pace. Ma' dan il-pellegrinaġġ waslet ukoll statwa tal-Madonna ta' Lourdes. Din l-istatwa saret mill-istatwarju Malti Carlo Darmanin. Ċertu waħda Karolina Mamo Bruno ħallset l-ispejjeż għal din l-istatwa ħelwa u devota. Ta' min jinnota li dan il-pellegrinaġġ bl-istatwa wasal Għawdex mal-vapur *Gleneagles*, li kien milqugħ minn folla kbira ta' Għawdxin, fost daqq ta' qniepen, sparar ta' maskli, tisfir tal-vapur u għajjat ta' Viva l-Madonna ta' Lourdes. Ta' min igħid ukoll li l-Imġarr u l-għolja tal-Qortin kienu kollha mżejnin bil-bnadar. Din l-istatwa ġiet imtella b'purċissjoni solenni akkumpanjata bit-talba tar-Rużarju. Malli waslet taħt il-grotta, Patri Majjistru Caruana OP tad-Dumnikani għamel diskors tal-okkażjoni. L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes sallum il-ġurnata tinsab fin-niċċa tagħha wara l-artal tal-Knisja.

**Għajnsielem u s-Santwarju ta' Lourdes**



Billi s-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes jinsab fil-limiti ta' Għajnsielem, skond il-liġijiet tal-Knisja, kellu jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess raħal. Mill-bidu tiegħu, fi żmien il-Kappillan Dun Pietru Pawl Galea, minn Nadur, xtara mingħand il-Gvern ta' dak iż-żmien 68 qasba raba għas-somma ta' ħdax-il-lira biex fuqha jinbena s-Santwarju u bi spejjeż tiegħu ħallas biex issir mogħdija li tieħu għall-għolja fejn kellu jsir il-bini. Il-bini tlesta meta l-Kappillan Galea għalaq ħamsa u għoxrin sena kappillan ġewwa Għajnsielem.

Dan is-Santwarju ġie fdat f'idejn il-Kleru tal-parroċċa t'Għajnsielem. Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fis-Santwarju tagħha dejjem imxiet 'il quddiem, b'mod spe jali meta bdew jiġu maħtura mill-Isqof u mill-Kappillan, saċerdoti mill-Parroċċa ta' Għajnsielem biex jagħmluha ta' Retturi ta' dan is-Santwarju. Fost dawn ir-retturi mill-Parroċċa t'Għajnsielem insibu lil Dun Franġisk Cassar, Dun Ġużepp Xuereb, Mons. Ġużeppi Galea Rapa, u Dun Tarċisju Attard. Retturi oħrajn mhux mill-parroċċa t'Għajnsielem huma Dun Grezzju Cauchi u dak preżenti Dun Renato Borg.

Matul l-aħħar snin, ir-retturi li kienu jieħdu ħsieb dan is-Santwarju ħadmu bis-sħiħ biex dan is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Lourdes jiġi msebbaħ u mogħni b'opri artistiċi. Il-bini tas-sagristija, l-għamara tal-vesti sagri, l-apparat tal-lama, is-settijiet tal-gandlieri, il-linef, l-artal artistiku b'irħamijiet fini, l-istatwa ta' Santa Berdardetta, u l-induratura ta' l-istatwa tal-Madonna huma ftit mill-opri kbar li saru, bla ma nħallu barra l-arloġġ u s-sett ta' qniepen ġodda.

Fid-19 ta' Frar 1949 saret il-Konsagrazzjoni tal-Knisja, meta Mons. Ġ. Pace ikkonsagra l-artal u l-Knisja. Fil-festi tad-dehriet tal-Madonna, f'dan is-Santwarju jsiru funzjonijiet reliġjużi u jiżdiedu l-pellegrinaġġi.

J'Alla il-Verġni Immakulata ta' Lourdes tkompli tħares il-port tal-Gżira Għawdxija, li hu l-bieb ewlieni għal kull ħaġa li tidħol ġewwa l-gżira tagħna.






**Tal-Qiżża**
*Water Supply*

**Toni Xuereb**

*Tel: 2155 3755*
*Mob: 7932 5955*
*'Saviour'*
*Triq ta' Cordina*
*Għajnsielem*